(29) Id-Direttiva 2001/18/KE tirrikjedi pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali tal-OĠM wara r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid tagħhom fis-suq iżda tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tat-tfassil tal-pjan filwaqt li tqis il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-OĠM, l-użu mistenni tiegħu u tal-ambjent li jirċevih. Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jistgħu jvarjaw minn bidliet li jeħtieġu biss valutazzjoni tar-riskju limitata għal alterazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu analiżi aktar bir-reqqa tar-riskji potenzjali. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-effetti ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jenħtieġ li jiġu adattati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u l-esperjenza fil-provi fuq il-post, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT ikkonċernata, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha, b'mod partikolari kwalunkwe storja ta' użu sikur tal-pjanta u	(29) Id-Direttiva 2001/18/KE tirrikjedi pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali tal-OĠM wara r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid tagħhom fis-suq iżda tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tat-tfassil tal-pjan filwaqt li tqis il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-OĠM, l-użu mistenni tiegħu u tal-ambjent li jirċevih. Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jistgħu jvarjaw minn bidliet li jeħtieġu biss valutazzjoni tar-riskju limitata għal alterazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu analiżi aktar bir-reqqa tar-riskji potenzjali. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-effetti ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jenħtieġ li jiġu adattati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u l-esperjenza fil-provi fuq il-post, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT ikkonċernata, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha, b'mod partikolari kwalunkwe storja ta' użu sikur tal-pjanta u

l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi. ***Għalhekk***, jenħtieġ li ***ma jkunx*** meħtieġ pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali ***jekk il-pjanta*** tal-NGT tal-kategorija 2 ***x'aktarx li*** ma toħloqx riskji li jeħtieġu monitoraġġ, bħal effetti indiretti, ittardjati jew mhux previsti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi. ***Fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni***, jenħtieġ li ***dejjem ikun*** meħtieġ pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali ***meta jingħata l-kunsens għall-ewwel darba. Jenħtieġ li jkun possibbli biss li jitneħħa r-rekwiżit għall-monitoraġġ mat-tiġdid tal-kunsens, dment li jkun intwera li l-pjanta*** tal-NGT tal-kategorija 2 ma toħloqx riskji li jeħtieġu monitoraġġ, bħal effetti indiretti, ittardjati jew mhux previsti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

Or. cs

Emenda 277
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Id-Direttiva 2001/18/KE tirrikjedi pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali tal-OĠM wara r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid tagħhom fis-suq iżda tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tat-tfassil tal-pjan filwaqt li tqis il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-OĠM, l-użu mistenni tiegħu u tal-ambjent li jirċevih. Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jistgħu jvarjaw minn bidliet li jeħtieġu biss valutazzjoni tar-riskju limitata għal alterazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu analiżi aktar bir-reqqa tar-riskji potenzjali. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-effetti ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jenħtieġ li jiġu adattati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u l-esperjenza fil-provi fuq il-post, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT ikkonċernata, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha, b'mod partikolari kwalunkwe storja ta' użu sikur tal-pjanta u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi.	(29) Id-Direttiva 2001/18/KE tirrikjedi pjan ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali tal-OĠM wara r-rilaxx intenzjonat jew it-tqegħid tagħhom fis-suq iżda tipprevedi flessibbiltà fir-rigward tat-tfassil tal-pjan filwaqt li tqis il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-OĠM, l-użu mistenni tiegħu u tal-ambjent li jirċevih. Il-modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jistgħu jvarjaw minn bidliet li jeħtieġu biss valutazzjoni tar-riskju limitata għal alterazzjonijiet kumplessi li jeħtieġu analiżi aktar bir-reqqa tar-riskji potenzjali. Għalhekk, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-effetti ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jenħtieġ li jiġu adattati fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali u l-esperjenza fil-provi fuq il-post, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT ikkonċernata, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha, b'mod partikolari kwalunkwe storja ta' użu sikur tal-pjanta u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi.

Għalhekk, ***jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ pjan*** ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali ***jekk*** il-pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 ***x'aktarx li ma toħloqx*** riskji li jeħtieġu monitoraġġ, bħal effetti indiretti, ittardjati jew mhux previsti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.	Għalhekk, ***il-pjan*** ta' monitoraġġ għall-effetti ambjentali ***jibqa' obbligatorju anke jekk ikun jista' jiġi adattat skont jekk*** il-pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 ***tkunx suxxettibbli jew le li toħloq*** riskji li jeħtieġu monitoraġġ, bħal effetti indiretti, ittardjati jew mhux previsti fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.

Or. fr

Emenda 278
Francesca Peppucci

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) Ladarba pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 tkun ingħatat awtorizzazzjoni abbażi ta' kriterji xjentifiċi, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu.

Or. en

Emenda 279
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli	***imħassar***

informazzjoni ġdida.

Or. pt

Emenda 280
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.	***imħassar***

Or. en

Emenda 281
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.	***imħassar***

Or. en

Emenda 282
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.	***imħassar***

Or. en

Emenda 283
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***Għal raġunijiet ta' proporzjonalità,*** wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu ***mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida***.	(30) Wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu ***limitat ta' għaxar snin***.

Or. en

Emenda 284
Norbert Lins

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) ***Għal raġunijiet ta' proporzjonalità,*** wara ***l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni***, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu***, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida***.	(30) Wara ***l-awtorizzazzjoni b'suċċess ta' NGT ibbażat fuq il-pjanti abbażi ta' kriterji xjentifiċi***, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu.

Or. en

Emenda 285
Francesca Peppucci

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.	(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu mingħajr limitu***. Fil-każ ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 2***, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.

Or. en

Emenda 286
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu ***mingħajr limitu***, ***sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid*** abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.	(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu ***limitat***, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.

Or. en

Emenda 287
María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu ***mingħajr limitu***, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor fiż-żmien ta' dak it-tiġdid abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.	(30) Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, wara l-ewwel tiġdid tal-awtorizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal perjodu ***limitat***, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjanta tal-NGT ikkonċernata, soġġett għal valutazzjoni mill-ġdid meta tkun saret disponibbli informazzjoni ġdida.

Or. en

Emenda 288
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-operaturi jenħtieġ li jitħallew jissupplimentaw it-tikkettar tal-prodotti tal-NGT tal-kategorija 2 bħala OĠM b'informazzjoni dwar il-karatteristika mogħtija mill-modifikazzjoni ġenetika. Sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet qarrieqa jew li joħolqu konfużjoni, fin-notifika għall-kunsens jew fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta proposta għal tali tikkettar u jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-kunsens jew fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 289
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-operaturi jenħtieġ li jitħallew jissupplimentaw it-tikkettar tal-prodotti tal-NGT tal-kategorija 2 bħala OĠM b'informazzjoni dwar il-karatteristika mogħtija mill-modifikazzjoni ġenetika. Sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet qarrieqa jew li joħolqu konfużjoni, fin-notifika għall-kunsens jew fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta proposta għal tali tikkettar u jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-kunsens jew fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 290
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-operaturi ***jenħtieġ li jitħallew jissupplimentaw it-tikkettar tal-prodotti*** tal-NGT ***tal-kategorija 2 bħala OĠM b'informazzjoni dwar il-karatteristika mogħtija mill-modifikazzjoni ġenetika. Sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet qarrieqa jew li joħolqu konfużjoni, fin-notifika għall-kunsens jew fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta proposta għal tali tikkettar u jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-kunsens jew fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni***.	(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-operaturi ***għandhom jittikkettaw il-prodotti*** tal-NGT ***kollha skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt eżistenti tal-UE, id-Direttiva 2001/18 u r-Regolament (KE) Nru 1830/2003***.

Or. en

Emenda 291
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-operaturi jenħtieġ li ***jitħallew jissupplimentaw it-tikkettar tal-prodotti*** tal-NGT ***tal-kategorija 2 bħala OĠM b'informazzjoni dwar il-karatteristika mogħtija mill-modifikazzjoni ġenetika. Sabiex jiġu evitati indikazzjonijiet qarrieqa jew li joħolqu konfużjoni, fin-***	(32) Sabiex tiżdied it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-operaturi jenħtieġ li ***jittikkettaw il-prodotti*** tal-NGT ***kollha li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-dritt eżistenti tal-UE, id-Direttiva 2001/18 u r-Regolament (KE) Nru 1830/2003***.

notifika għall-kunsens jew fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta proposta għal tali tikkettar u jenħtieġ li tiġi speċifikata fil-kunsens jew fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-konsumaturi jkollhom il-libertà tal-għażla tul il-katina tal-valur kollha, l-ikel u l-għalf kollu prodott bl-użu ta' metodi ġodda ta' inġinerija ġenetika għandu jiġi ttikkettat bħala prodott ġenetikament modifikat biex il-konsumaturi u l-utenti kollha tul il-katina tal-valur ikunu jistgħu jagħmlu għażla infurmata. Id-dritt tal-konsumatur għall-informazzjoni huwa minqux fil-liġi tal-UE dwar l-ikel (UE (VO) 178/2002) u fit-Trattati tal-UE (l-Artikolu 169).

Emenda 292
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(32a) It-trażmissjoni u ż-żamma ta' informazzjoni li prodotti jkun fihom jew jikkonsistu minn pjanti u prodotti tal-NGT, u l-kodiċijiet partikolari għal dawk l-NGTs, f'kull stadju tat-tqegħid fis-suq tagħhom huma l-bażi għat-traċċabbiltà xierqa u l-ittikkettar tal-NGTs. Il-kodiċijiet jistgħu jintużaw biex jinkiseb aċċess għal informazzjoni speċifika dwar l-NGT minn reġistru, u biex jiġu faċilitati l-identifikazzjoni, is-sejbien u l-monitoraġġ tagħhom f'konformità mad-Direttiva 2001/18/KE.

Or. en

Emenda 293
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li jiġu offruti inċentivi regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT tal-kategorija 2 li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar) u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]]. L-applikabbiltà tal-kriterji madwar l-UE ma tippermettix definizzjoni aktar ristretta tal-karatteristiċi biex ikun hemm enfasi fuq kwistjonijiet speċifiċi jew biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali.	***imħassar***

[52] COM (2023) 414 final.

Or. fr

Emenda 294
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li jiġu offruti inċentivi regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT tal-kategorija 2 li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar) u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]]. L-applikabbiltà tal-kriterji madwar l-UE ma tippermettix definizzjoni aktar ristretta tal-karatteristiċi biex ikun hemm enfasi fuq kwistjonijiet speċifiċi jew biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali.	***imħassar***

[52] COM(2023) 414 final

Or. en

Emenda 295
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li jiġu offruti inċentivi	(33) Jenħtieġ li jiġu offruti inċentivi

regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar) u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]]. ***L-applikabbiltà tal-kriterji madwar l-UE ma tippermettix definizzjoni aktar ristretta tal-karatteristiċi biex ikun hemm enfasi fuq kwistjonijiet speċifiċi jew biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali.***	regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar) u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]].
[52] COM(2023) 414 final.	[52] COM(2023) 414 final.

Or. pt

Emenda 296
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) ***Jenħtieġ li*** jiġu offruti inċentivi regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu	(33) ***Jistgħu*** jiġu offruti inċentivi regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali ***tal-SMEs*** għal ***ċerti*** pjanti u prodotti tal-NGT li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu

għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, ***karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar)*** u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]]. ***L-applikabbiltà tal-kriterji madwar l-UE ma tippermettix definizzjoni aktar ristretta tal-karatteristiċi biex ikun hemm enfasi fuq kwistjonijiet speċifiċi jew biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali.***

[52] COM(2023) 414 final

għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li jiffukaw ***esklużivament*** fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal ***ibbażat fuq l-evidenza*** li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku***)***, u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]].

[52] COM(2023) 414 final

Or. en

Emenda 297
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Jenħtieġ li jiġu offruti inċentivi regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi	(33) Jenħtieġ li jiġu offruti inċentivi regolatorji lil notifikaturi jew applikanti potenzjali għal pjanti u prodotti tal-NGT li fihom karatteristiċi li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għal sistema agroalimentari sostenibbli, sabiex l-iżvilupp ta' pjanti tal-NGT jitmexxa lejn tali karatteristiċi. Il-kriterji biex jiġu skattati dawn l-inċentivi jenħtieġ li

jenħtieġ li jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar) u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]]. L-applikabbiltà tal-kriterji madwar l-UE ma tippermettix definizzjoni aktar ristretta tal-karatteristiċi biex ikun hemm enfasi fuq kwistjonijiet speċifiċi jew biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali.	jiffukaw fuq kategoriji ta' karatteristiċi wesgħin bil-potenzjal li jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà (bħal dawk marbuta mat-tolleranza jew mar-reżistenza għall-istress bijotiku u abijotiku, karatteristiċi nutrizzjonali mtejba jew rendiment akbar) u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-kontribut għall-valur għall-kultivazzjoni u l-użu sostenibbli kif definiti fl-[Artikolu 52(1) tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni[52]]. L-applikabbiltà tal-kriterji madwar l-UE ma tippermettix definizzjoni aktar ristretta tal-karatteristiċi biex ikun hemm enfasi fuq kwistjonijiet speċifiċi jew biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet lokali u reġjonali.
[52] COM(2023) 414 final	[52] COM(2023) 414 final

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) tal-25 ta' Lulju 2018, l-organiżmi miksuba permezz tal-mutaġenesi fil-prinċipju għandhom jiġu kklassifikati bħala organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) u għalhekk huma soġġetti għar-regolamenti tal-Att dwar l-Inġinerija Ġenetika (id-Direttiva 2001/18/KE). Ir-raġuni mogħtija għal dan hija li l-proċessi ta' mutaġenesi jwasslu għal bidla fil-materjal ġenetiku ta' organiżmu li ma tkunx possibbli b'mod naturali. Għalhekk, distinzjoni bejn il-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u tal-kategorija 2 ma hijiex ta' benefiċċju.

Emenda 298
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-inċentivi jenħtieġ li jikkonsistu minn proċedura mħaffa għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta'	***imħassar***

applikazzjonijiet immaniġġati minn proċedura għalkollox ċentralizzata (prodotti tal-ikel u tal-għalf) u pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi jħejju d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-parir ita' qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002[53].

---

[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).

Or. fr

Emenda 299
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-inċentivi jenħtieġ li jikkonsistu minn proċedura mħaffa għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' applikazzjonijiet immaniġġati minn proċedura għalkollox ċentralizzata (prodotti tal-ikel u tal-għalf) u pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi jħejju d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-parir ita' qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-	***imħassar***

konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).

---

[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).

Or. en

Emenda 300
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-inċentivi jenħtieġ li jikkonsistu minn ***proċedura mħaffa għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' applikazzjonijiet immaniġġati minn proċedura għalkollox ċentralizzata (prodotti tal-ikel u tal-għalf) u*** pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi jħejju d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar ***il-parir ita'*** qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).	(34) L-inċentivi jenħtieġ li jikkonsistu minn pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi jħejju d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar ***il-pariri ta'*** qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).
[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi	[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi

kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).	kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).

Or. pt

Emenda 301
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-inċentivi jenħtieġ li jikkonsistu minn ***proċedura mħaffa għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' applikazzjonijiet immaniġġati minn proċedura għalkollox ċentralizzata (prodotti tal-ikel u tal-għalf) u*** pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi jħejju d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-parir ita' qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).	(34) L-inċentivi jenħtieġ li jikkonsistu minn pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi jħejju d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-parir ita' qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).
[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).	[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).

Or. cs

Emenda 302
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament

Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) L-inċentivi ***jenħtieġ li*** jikkonsistu minn proċedura mħaffa għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' ***applikazzjonijiet immaniġġati minn proċedura għalkollox ċentralizzata (prodotti tal-ikel u tal-għalf) u*** pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi ***jħejju*** d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-parir ita' qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).	(34) L-inċentivi ***jistgħu*** jikkonsistu minn proċedura mħaffa għall-valutazzjoni tar-riskju fir-rigward ta' pariri aħjar qabel is-sottomissjoni biex jgħinu lill-iżviluppaturi ***tal-SMEs iħejju*** d-dossier għall-finijiet tal-valutazzjonijiet ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, mingħajr ma jiġu affettwati d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-parir ita' qabel is-sottomissjoni, in-notifika ta' studji u l-konsultazzjoni ta' partijiet terzi skont l-Artikoli 32a, 32b u 32c tar-Regolament (KE) Nru 178/2002([53]).
[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).	[53] Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 031, 1.2.2002, p. 1).

Or. en

Emenda 303
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li jingħataw inċentivi addizzjonali meta n-notifikatur jew l-applikant ikun intrapriża żgħira jew ta' daqs medju (SME), biex jiġi promoss l-aċċess għall-proċeduri regolatorji minn dawn l-intrapriżi, tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-iżviluppaturi tal-	***imħassar***

pjanti tal-NGT u jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp minn nissiela żgħar ta' speċijiet ta' għelejjel u karatteristiċi permezz tal-NGTs, billi jingħataw eżenzjonijiet mit-tariffi għall-validazzjoni tal-metodi tad-detezzjoni lill-SMEs u pariri aktar estensivi qabel is-sottomissjoni li jkopru wkoll it-tfassil tal-istudji li għandhom jitwettqu għall-fini tal-valutazzjoni tar-riskju.

Or. fr

Emenda 304
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) ***Jenħtieġ li*** jingħataw inċentivi addizzjonali meta n-notifikatur jew l-applikant ikun intrapriża żgħira ***jew ta' daqs medju (SME)***, biex jiġi promoss l-aċċess għall-proċeduri regolatorji minn dawn l-intrapriżi, tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-iżviluppaturi tal-pjanti tal-NGT u jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp minn nissiela żgħar ta' speċijiet ta' għelejjel u karatteristiċi permezz tal-NGTs, billi jingħataw eżenzjonijiet mit-tariffi għall-validazzjoni tal-metodi tad-detezzjoni ***lill-SMEs*** u pariri aktar estensivi qabel is-sottomissjoni li jkopru wkoll it-tfassil tal-istudji li għandhom jitwettqu għall-fini tal-valutazzjoni tar-riskju.	(35) ***Jistgħu*** jingħataw inċentivi addizzjonali meta n-notifikatur jew l-applikant ikun intrapriża żgħira, biex jiġi promoss l-aċċess għall-proċeduri regolatorji minn dawn l-intrapriżi, tiġi appoġġata d-diversifikazzjoni tal-iżviluppaturi tal-pjanti tal-NGT u jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp minn nissiela żgħar ta' speċijiet ta' għelejjel u karatteristiċi permezz tal-NGTs, billi jingħataw eżenzjonijiet mit-tariffi għall-validazzjoni tal-metodi tad-detezzjoni ***lil intrapriżi żgħar*** u pariri aktar estensivi qabel is-sottomissjoni li jkopru wkoll it-tfassil tal-istudji li għandhom jitwettqu għall-fini tal-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 305
Silvia Sardone, Maria Veronica Rossi, Rosanna Conte, Danilo Oscar Lancini

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiħux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti tal-NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].	***imħassar***

Or. en

Emenda 306
Pietro Fiocchi, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi	***imħassar***

tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiħux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti tal-NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].

Or. en

Emenda 307
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. ***Jekk*** tali kultivazzjoni ***ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista'*** twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi ***jew*** għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti ***tal-NGT*** li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma ***jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiħux miżuri speċifiċi oħra dwar*** il-pjanti tal-NGT ***li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].***	(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. ***Il-prattika turi li*** tali kultivazzjoni twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi ***u*** għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma ***jitqisux bħala pjanti NGT.***

Or. en

Emenda 308
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma ***jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jiħux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti tal-NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni]***.	(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma ***jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-NGTs tal-kategorija 1***.

Or. en

Emenda 309
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali	(36) Il-pjanti li jittolleraw l-erbiċidi jiġu mnissla biex intenzjonalment jittolleraw l-erbiċidi, sabiex jiġu kkultivati flimkien mal-użu ta' dawk l-erbiċidi. Jekk tali

kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma ***jiħux miżuri speċifiċi oħra dwar il-pjanti tal-NGT li jittolleraw l-erbiċidi, minħabba li tali miżuri jittieħdu b'mod orizzontali fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni].***	kultivazzjoni ma ssirx taħt kundizzjonijiet xierqa, tista' twassal għall-iżvilupp ta' ħaxix ħażin reżistenti għal dawk l-erbiċidi jew għall-ħtieġa li jiżdiedu l-kwantitajiet ta' erbiċidi applikati, irrispettivament mit-teknika tat-tnissil. Għal din ir-raġuni, il-pjanti tal-NGT li juru karatteristiċi tolleranti għall-erbiċidi jenħtieġ li ma jkunux eliġibbli għall-inċentivi skont dan il-qafas. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma ***jagħmilx parti mill-kategorija 1. L-istess jgħodd għall-pjanti tal-NGT li l-modifika ġenetika tagħhom wasslithom biex ikunu jistgħu jirrilaxxaw insettiċidi jew pestiċidi oħra***.

Or. fr

Emenda 310
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissiela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestringu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 311
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissiela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.	***imħassar***

Or. pt

Emenda 312
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissiela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri	***imħassar***

jadottaw miżuri li jirrestringu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 313
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku u tal-istrateġiji "Mill-Għalqa sal-Platt" u għall-Bijodiversità, jenħtieġ li tiġi ffaċilitata l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT fl-Unjoni. Dan jeħtieġ prevedibbiltà għan-nissiela u għall-bdiewa fir-rigward tal-possibbiltà li jikkultivaw tali pjanti fl-Unjoni. Għalhekk, il-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw miżuri li jirrestringu jew jipprojbixxu l-kultivazzjoni tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 fit-territorju kollu tagħhom jew f'parti minnu, stabbilita fl-Artikolu 26b tad-Direttiva 2001/18/KE timmina dawk l-għanijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 314
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Sabiex il-pjanti tal-NGT ikunu	***imħassar***

Peress li l-pjanti tal-NGT għandhom jiġu ttrattati bħall-OĠM konvenzjonali, dan il-paragrafu ma huwiex meħtieġ.

Emenda 350
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ***tal-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta tal-NGT hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 1, fir-rigward*** tat-tħejjija u l-preżentazzjoni ***tan-notifika għal dik id-determinazzjoni, u fir-rigward tar-rekwiżiti tal-metodoloġija u tal-informazzjoni għall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali*** tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija ***2 u tal-ikel tal-NGT u tal-għalf tal-NGT,*** f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati	(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tat-tħejjija u l-preżentazzjoni ***tal-awtorizzazzjoni*** tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija ***1*** f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([55]).

f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([55]).

[55] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[55] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 351
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ***tal-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta tal-NGT hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 1, fir-rigward tat-thejjija u l-preżentazzjoni tan-notifika għal dik id-determinazzjoni, u fir-rigward*** tar-rekwiżiti tal-metodoloġija u tal-informazzjoni għall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali tal-pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** u tal-ikel tal-NGT u tal-għalf tal-NGT, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([55]).	(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-metodoloġija u tal-informazzjoni għall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali tal-pjanti tal-NGT u tal-ikel tal-NGT u tal-għalf tal-NGT ***u tal-prodotti tal-NGT***, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill([55]).

[55] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta'

[55] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta'

Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. en

Emenda 352
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***implimentazzjoni*** fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta tal-NGT hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 1, fir-rigward tat-tħejjija u l-preżentazzjoni tan-notifika għal dik id-determinazzjoni, u fir-rigward tar-rekwiżiti tal-metodoloġija u tal-informazzjoni għall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u tal-ikel tal-NGT u tal-għalf tal-NGT, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55] .	(45) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' ***delega*** fir-rigward tal-informazzjoni meħtieġa biex jintwera li pjanta tal-NGT hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 1, fir-rigward tat-tħejjija u l-preżentazzjoni tan-notifika għal dik id-determinazzjoni, u fir-rigward tar-rekwiżiti tal-metodoloġija u tal-informazzjoni għall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 2 u tal-ikel tal-NGT u tal-għalf tal-NGT, f'konformità mal-prinċipji u l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55] .
[55] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).	[55] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Or. fr

Emenda 353
Pascal Canfin, Max Orville

Proposta għal regolament
Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq taż-żrieragħ, jeħtieġ li n-nissiela taż-żrieragħ iżommu aċċess faċli għall-materjal riproduttiv tal-pjanti għall-attivitajiet ta' tnissil inkroċjati u għalhekk jibbenefikaw mill-eżenzjoni tan-nissiela.

Or. en

Emenda 354
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor regolarment informazzjoni sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-kisba ***tal-iżvilupp u d-disponibbiltà tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT fis-suq li jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi*** tal-Patt Ekoloġiku u tal-istratreġija "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sabiex issir evalwazzjoni infurmata tal-leġiżlazzjoni. Ġie identifikat sett wiesa' ta' indikaturi[56] u dan jenħtieġ li jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni. L-indikaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-monitoraġġ tar-riskji potenzjali għas-saħħa jew għall-ambjent tal-pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** u tal-prodotti tal-NGT relatati, l-impatt tal-pjanti tal-NGT fuq is-	(46) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor regolarment informazzjoni sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-kisba ***tal-objettivi*** tal-Patt Ekoloġiku u tal-istratreġija "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sabiex issir evalwazzjoni infurmata tal-leġiżlazzjoni. Ġie identifikat sett wiesa' ta' indikaturi[56] u dan jenħtieġ li jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni. L-indikaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-monitoraġġ tar-riskji potenzjali għas-saħħa jew għall-ambjent tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT relatati, l-impatt tal-pjanti tal-NGT fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali kif ukoll l-impatt fuq il-biedja organika u fuq ***il-libertà tal-għażla tal-konsumaturi, inkluż l-għarfien***

sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali kif ukoll l-impatt fuq il-biedja organika u fuq l-aċċettazzjoni ***mill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-NGT. L-ewwel rapport ta' monitoraġġ jenħtieġ li jiġi ppreżentat 3 snin wara li l-ewwel prodotti jkunu ġew innotifikati/awtorizzati, biex jiġi żgurat li tkun disponibbli biżżejjed data wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn wara li jkun ġie ppubblikat l-ewwel rapport ta' monitoraġġ***, sabiex tippermetti li l-impatt tal-ewwel prodotti li jgħaddu mill-verifika jew mill-awtorizzazzjoni jimmaterjalizza bis-sħiħ***.

[56] SWD(2023) 412

tagħhom u l-aċċettazzjoni tal-prodotti tal-NGT. L-ewwel rapport ta' monitoraġġ jenħtieġ li jiġi ppreżentat 3 snin wara li l-ewwel prodotti jkunu ġew innotifikati/awtorizzati, biex jiġi żgurat li tkun disponibbli biżżejjed data wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn wara li jkun ġie ppubblikat l-ewwel rapport ta' monitoraġġ.

[56] SWD(2023) 412

Or. en

Emenda 355
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor regolarment informazzjoni sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-kisba tal-iżvilupp u d-disponibbiltà tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT fis-suq li jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u ***tal-istratreġija*** "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sabiex issir evalwazzjoni infurmata tal-leġiżlazzjoni. Ġie identifikat sett wiesa' ta' indikaturi[56] u dan jenħtieġ li jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni. L-indikaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-monitoraġġ tar-riskji potenzjali għas-saħħa	(46) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiġbor regolarment informazzjoni sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-kisba tal-iżvilupp u d-disponibbiltà tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT fis-suq li jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u ***tal-istrateġija*** "Mill-Għalqa sal-Platt", għall-Bijodiversità u dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima sabiex issir evalwazzjoni infurmata tal-leġiżlazzjoni. Ġie identifikat sett wiesa' ta' indikaturi[56] u dan jenħtieġ li jiġi rieżaminat perjodikament mill-Kummissjoni. L-indikaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-monitoraġġ tar-riskji potenzjali għas-saħħa

jew għall-ambjent tal-pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 2*** u tal-prodotti tal-NGT relatati, l-impatt tal-pjanti tal-NGT fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali kif ukoll l-impatt fuq il-biedja organika u fuq l-aċċettazzjoni mill-konsumaturi tal-prodotti tal-NGT. L-ewwel rapport ta' monitoraġġ jenħtieġ li jiġi ppreżentat 3 snin wara li l-ewwel prodotti jkunu ġew innotifikati/awtorizzati, biex jiġi żgurat li tkun disponibbli biżżejjed data wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn wara li jkun ġie ppubblikat l-ewwel rapport ta' monitoraġġ, sabiex tippermetti li l-impatt tal-ewwel prodotti li jgħaddu mill-verifika jew mill-awtorizzazzjoni jimmaterjalizza bis-sħiħ.	jew għall-ambjent tal-pjanti tal-NGT u tal-prodotti tal-NGT relatati, l-impatt tal-pjanti tal-NGT fuq is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali kif ukoll l-impatt fuq il-biedja organika u fuq l-aċċettazzjoni mill-konsumaturi tal-prodotti tal-NGT. L-ewwel rapport ta' monitoraġġ jenħtieġ li jiġi ppreżentat 3 snin wara li l-ewwel prodotti jkunu ġew innotifikati/awtorizzati, biex jiġi żgurat li tkun disponibbli biżżejjed data wara l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari. Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn wara li jkun ġie ppubblikat l-ewwel rapport ta' monitoraġġ, sabiex tippermetti li l-impatt tal-ewwel prodotti li jgħaddu mill-verifika jew mill-awtorizzazzjoni jimmaterjalizza bis-sħiħ.
[56] SWD(2023) 412	[56] SWD(2023) 412

Or. en

Ġustifikazzjoni

Distinzjoni bejn il-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u tal-kategorija 2 ma hijiex meħtieġa.

Emenda 356
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) Ċerti referenzi għad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM fir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([57]) jeħtieġ li tiġi emendata biex tinkludi d-dispożizzjonijiet speċifiċi f'din il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-pjanti tal-NGT.	***imħassar***

[57] Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi talikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 talParlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar ilKontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

Or. en

Emenda 357
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġiji tal-UE "Mill-Għalqa sal-Platt", u għall-Bijodiversità poġġew il-biedja organika fil-qalba ta' tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli, b'mira li sal-2030 l-art agrikola Ewropea taħt produzzjoni organika tiġi estiża għal

25 %. Dan huwa rikonoxximent ċar tal-benefiċċji ambjentali tal-biedja organika, għal inqas dipendenza fuq l-inputs għall-bdiewa, u provvista tal-ikel reżiljenti u sovranità tal-ikel. Dan ir-Regolament ma jridx jimmina b'mod negattiv it-triq lejn tranżizzjoni tas-sistemi tal-ikel Ewropej għall-biedja organika biex sal-2030 jintlaħaq il-perċentwal ta' 25 %.

Or. en

Emenda 358
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 47b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47b) Skont studju tal-JRC tal-2021, 6 minn 16-il prodott tal-NGT prekummerċjali huma mmodifikati għat-tolleranza tal-erbiċidi. Madankollu, dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-miri tal-Unjoni u internazzjonali għat-tnaqqis tal-pestiċidi. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li l-pjanti tal-NGT tolleranti għall-erbiċidi ma jkunux jistgħu jitqiesu fil-pjanti tal-NGT kategorija 1.

Or. en

Emenda 359
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 47c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47c) Il-prinċipju ta' prekawzjoni, minqux fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu l-għan li jiżgura livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali u saħħa tal-konsumatur, fil-kuntest tal-ikel u s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti, permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet preventivi fil-każ ta' riskju. Dan ir-Regolament jeħtieġ li jkun f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni peress li l-pjanti tal-NGT għandhom jiġu rilaxxati u kkultivati fl-ambjent.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiżdied il-prinċipju ta' prekawzjoni f'dan ir-Regolament, peress li r-rilaxx u l-kultivazzjoni ta' pjanti ġenetikament modifikati fl-ambjent jista' jkollhom impatti sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-ambjent. Ekosistemi b'saħħithom u li jiffjorixxu huma fundamentali għal produzzjoni tal-ikel reżiljenti fl-Ewropa u għalhekk, il-qafas regolatorju l-ġdid irid jaderixxi ma' standards b'saħħithom ta' prekawzjoni u teħid ta' deċiżjonijiet preventivi.

Emenda 360
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 47e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' traċċabbiltà għal ikel u għalf prodotti minn NGTs biex jiġi ffaċilitat l-ittikkettar preċiż ta' dawn il-prodotti, skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament, biex jiġi żgurat li jkun hemm informazzjoni preċiża disponibbli għal operaturi u konsumaturi biex dawn ikunu jistgħu jeżerċitaw il-libertà tal-għażla tagħhom b'mod effettiv kif ukoll biex jippermetti l-kontroll u l-verifika ta' asserzjonijiet tat-tikkettar. Ir-rekwiżiti dwar ikel u għalf prodotti minn NGTs jenħtieġ li jkunu l-

istess biex tiġi evitata t-terminazzjoni ta' informazzjoni fil-każijiet ta' bidla fl-użu aħħari.

Or. en

Emenda 361
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Premessa 47f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47f) L-iskemi tal-kwalità u l-indikaturi ġeografiċi (IĠ) Ewropej kollha, li huma setturi importanti fl-Ewropa li l-konsumaturi għandhom ċerti aspettattivi dwarhom, jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu li ma jużawx l-NGTs fl-istandards tagħhom.

Or. en

Emenda 362
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(48a) Il-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1, kif ukoll il-pjanti u l-varjetajiet li jistgħu jiġu prodotti u li jinstabu fin-natura, jew li jistgħu jiġu prodotti permezz ta' tnissil konvenzjonali, jew li jitqiesu bħala pjanti konvenzjonali, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal privattiva iżda pjuttost għal drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti. Id-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti jippermettu l-użu tal-"eżenzjoni tan-nissiel", li tippromwovi l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' varjetajiet ġodda. Għal dawn il-pjanti jenħtieġ li jkun possibbli li

tkompli tintuża l-"eżenzjoni tal-bidwi". Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali ta' dawk li jrabbu dawn il-pjanti għandha tkompli f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2005 li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, kif riveduta f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, kif emendat.

Or. cs

Emenda 363
Jan Huitema, Karin Karlsbro, Emma Wiesner, Andreas Glueck, Ulrike Müller

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(48a) Għalkemm mhux kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa ta' importanza kruċjali li l-qafas għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għall-pjanti, kemm jekk miksuba permezz ta' NGTs jew permezz ta' tnissil klassiku, ikun adegwat għall-iskop tiegħu. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq studju biex tevalwa l-effetti tal-privattivi tal-pjanti fuq l-avvanzi fit-tnissil tal-pjanti, l-influwenza tal-privattivi fuq l-aċċessibbiltà tan-nissiela għar-riżorsi u l-metodi ġenetiċi, id-disponibbiltà taż-żrieragħ għall-bdiewa u l-kompetittività tal-UE fil-qasam tal-bijoteknoloġija tal-pjanti. Is-sejbiet minn dan l-istudju għandhom jiġu ppreżentati sa Diċembru 2026 u għandhom, meta xieraq, ikunu akkumpanjati minn proposta leġiżlattiva.

Or. en

Emenda 364
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***regoli speċifiċi għar-rilaxx*** intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.	***Bl-għan primarju li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent,*** dan ir-Regolament ***jistabbilixxi derogi mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18 u leġiżlazzjoni eżistenti oħra tal-Unjoni dwar l-OĠM fir-rigward tar-rilaxx*** intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti. ***Dawn id-derogi għandhom japplikaw biss sa fejn jistgħu jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni.***

Or. en

Emenda 365
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li	***Dan ir-Regolament jikkorrispondi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/18 u jestendi dawn id-dispożizzjonijiet għar-rilaxx intenzjonat ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda (minn hawn 'il quddiem "pjanti tal-NGT").***

fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.

F'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, u bl-għan primarju li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In the Treaty on the Functioning of the EU (TFEU), Article 114 § 3 states: "The Commission, in its proposals envisaged in paragraph 1 concerning health, safety, environmental protection and consumer protection, will take as a base a high level of protection, taking account in particular of any new development based on scientific facts. Already, many problems have been documented for NGTs. For example, CRISPR applications have turned out to cause toxicity (Álvarez et al., 2022), mosaicism (Mehravar et al., 2019) and other unintended genomic abnormalities (Höijer et al., 2022; Chu and Agapito-Tenfen, 2022). See also the ENSSER position statement on CRISPR/Cas gene editing (ENSSER, 2023). Whereas these effects have been observed in organisms intentionally exposed to CRISPR/Cas, its impact and adverse effects on non-target and unintentionally exposed organisms are yet unknown (Schenke and Cai, 2020). Such knowledge is only generated when risk assessments are required and in place and both the impact and the uncertainties are estimated and acknowledged.

Emenda 366
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***regoli*** speċifiċi ***għar-rilaxx intenzjonat fl-***	Dan ir-Regolament jistabbilixxi ***dispożizzjonijiet*** speċifiċi ***għal*** ċerti tekniki

ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ***ġenomiċi*** ġodda ("pjanti tal-NGT") ***u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti***.	***ta' manipulazzjoni ġenomika aktar*** ġodda ("pjanti tal-NGT")***, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent u jirrispetta l-prinċipju ta' prekawzjoni***.

Or. en

Emenda 367
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.	***F'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, u bl-għan primarju li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u tal-ambjent,*** dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.

Or. en

Emenda 368
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli	***B'kunsiderazzjoni sħiħa għall-prinċipju***

speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.

ta' prekawzjoni, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq ta' pjanti ***tal-għelejjel li jinħartu kull sena*** miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda ("pjanti tal-NGT") u għat-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn tali pjanti, u ta' prodotti, għajr ikel jew għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn tali pjanti.

Or. en

Emenda 369
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-pjanti tal-NGT;	(1) il-pjanti tal-NGT ***li jinħartu kull sena li ma għandhom l-ebda potenzjal li jippersistu, jirriproduċu u jinfirxu fl-ambjent***;

Or. en

Emenda 370
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-pjanti tal-NGT;	(1) il-pjanti ***agrikoli*** tal-NGT ***tal-għelejjel li jinħartu kull sena li ma għandhomx il-potenzjal li jippersistu, jirriproduċu jew jinfirxu fl-ambjent***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dibattitu pubbliku u r-raġunament tal-Kummissjoni Ewropea jiffokaw kompletament fuq il-pjanti agrikoli tal-NGT. Barra minn hekk, il-pjanti tal-NGT li għandhom il-potenzjal li jippersistu, jirriproduċu jew jinfirxu fl-ambjent (fl-għelieqi jew lil hinn minnhom) jeħtieġ li jiġu evalwati f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali dwar l-OĠM.

Emenda 371
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-pjanti tal-NGT;	(1) il-pjanti tal-NGT ***ikklassifikati bħala pjanti tal-għelejjel li jinħartu kull sena mingħajr kapaċità li jippersistu, jirriproduċu u jinfirxu fl-ambjent***;

Or. en

Emenda 372
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-pjanti tal-NGT;	(1) il-pjanti tal-NGT ***fl-użu tagħhom bħala għelejjel agrikoli***;

Or. en

Emenda 373
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(1) il-pjanti tal-NGT;	(1) il-pjanti ***agrikoli*** tal-NGT ***li jinħartu kull sena***;

Or. en

Emenda 374
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) il-pjanti tal-NGT;	(1) il-pjanti ***agrikoli*** tal-NGT;

Or. pt

Emenda 375
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) prodotti, għajr ikel u għalf, li fihom jew li jikkonsistu minn pjanti tal-NGT.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ikel u l-għalf minn pjanti agrikoli tal-NGT biss għandhom ikunu koperti.

Emenda 376
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4a) Il-pjanti, is-siġar u l-algi selvaġġi jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. pt

Emenda 377
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-regoli fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM u fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ambjentali u s-sikurezza tal-ikel, sa fejn dawn ma jkunux derogati minn dan ir-Regolament, għandhom ikomplu japplikaw għal dawn il-pjanti u l-prodotti.

Or. en

Emenda 378
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-regolament ma japplikax għal:
	(1) materjal bi privattiva jew materjal li għalih tkun qed tiġi pproċessata applikazzjoni għal privattiva;
	(2) pjanti tolleranti għall-erbiċidi;
	(3) Pjanti selvaġġi, siġar u algi.

Or. en

Emenda 379

Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-regolament ma japplikax għal:
	(1) materjal bi privattiva jew materjal li għalih tkun qed tiġi pproċessata applikazzjoni għal privattiva;
	(2) Pjanti u siġar selvaġġi.

Or. en

Emenda 380
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal pjanti transġeniċi jew għal nisel ta' pjanti transġeniċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-intenzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni hija li żżomm il-pjanti transġeniċi soġġetti għal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-OĠM.

Emenda 381
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal pjanti tal-NGT li huma tolleranti għall-erbiċidi, l-insettiċidi, l-

antimikrobiċi, il-fungiċidi jew li għandhom kompożizzjoni mibdula.

Or. en

Ġustifikazzjoni

NGT plants with these traits should be assessed for their full environmental impacts before being placed on the market or being released into the environment. A number of studies demonstrate the negative impact that these traits may have. For example, changed oil content of NGT oilseed rape crops may negatively impact pollinators, whilst herbicide tolerance can lead to an increased use of complementary herbicides which would not be in line with the ambition to reduce pesticide use. Insecticidal, antimicrobial (as well as NGTs containing antibiotic marker genes) and fungicidal traits may also impact non-target organisms, and the wider ecosystem, in a negative way. Given that the EC proposal does not foresee impact assessment, monitoring detection or labelling for the vast majority of NGTs (category 1), there is no way to identify if these traits are indeed problematic before they are released into the environment and placed on the market. These NGTs should therefore remain subject to the current GMO legislation.

Emenda 382
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament ma għandux japplika għat-teknoloġija ġenetika li għandha l-għan li timmodifika l-ġenoma barra mil-laboratorju.

Or. en

Emenda 383
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal pjanti li ġew modifikati b'teknoloġiji

ta' interferenza tal-RNA.

Or. en

Emenda 384
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-regolament ma japplikax għal materjal bi privattiva jew materjal li għalih tkun qed tiġi pproċessata applikazzjoni għal privattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Commission proposal aims to facilitate the commercialisation of NGT plants in Europe. In the absence of specific safeguards, this could lead to an increased number of patented seeds in the EU.

As a result, breeders and farmers could find themselves at a heightened risk of legal action from NGT developers if they inadvertently use their patented genetic sequences.

Specifically with regards to CRISPRC/Cas products, researchers have warned of a "patent thicket" that could be extremely hard to navigate for the majority of plant breeders and farmers.

In September 2019, the European Parliament called for "free access to plant material (including plant traits)" saying this was "absolutely essential for the innovative capacity of the European plant-breeding and farming sectors, their competitiveness and the development of new plant varieties in order to guarantee global food security, tackle climate change and prevent monopolies within the breeding sector" and warning that "any restriction or attempt to hamper access to genetic resources may lead to an excessive market concentration in the field of plant breeding, to the detriment of market competition, consumers and the European internal market and food security"(https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2019-0020_EN.html)

This amendment, in line with the Parliament's position, aims to ensure that the NGT Regulation will not hamper free access to plant material for farmers and plant breeders.

Emenda 385

Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) id-definizzjonijiet ta' "organiżmu", "rilaxx intenzjonat" u "tpoġġija fis-suq" stabbiliti fid-Direttiva 2001/18/KE, dawk ta' "ikel" u "għalf" stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, dik ta' "traċċabbiltà" stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1830/2003, dik ta' "pjanta" stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(***58***) ***u dik ta'*** "materjal riproduttiv tal-pjanti" stabbilita fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni***59***];	(1) ***(1)*** id-definizzjonijiet ta' "organiżmu" ***stipulati fid-Direttiva 2001/18/KE***
	(1a), 'rilaxx intenzjonat' ***stabbilit fid-Direttiva 2001/18/KE***
	(1b) u "tpoġġija fis-suq" stabbiliti fid-Direttiva 2001/18/KE,
	(1e) dawk ta' "ikel" u "għalf" stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002,
	(1f) dik ta' "traċċabbiltà" stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 1830/2003
	(1e), dik ta' "pjanta" stabbilita fir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(***[27]***)
	(1f) "materjal riproduttiv tal-pjanti" stabbilita fil-[Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti fl-Unjoni***[28]***];

58 Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE)

Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar idDirettivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

[59] COM(2023) 414 final

Or. en

Emenda 386
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, ***bil-kundizzjoni li*** ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, ***bil-kundizzjonijiet*** li***:***
	(a) ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT ***u***;
	(b) ma jkunx hemm privattivi jew drittijiet esklużivi li jkopru l-proċess użat għall-iżvilupp tal-pjanta, u ma jkunx hemm privattivi jew drittijiet esklużivi li jkopru l-pjanta jew partijiet minnha, u ma tkun tressqet l-ebda applikazzjoni għall-għoti ta' tali privattivi jew drittijiet esklużivi;

Or. en

Emenda 387
Günther Sidl

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, ***bil-kundizzjoni*** li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, ***bil-kundizzjonijiet*** li***:***
	(a) ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT**,**
	(b) ma jkunx kopert bi privattiva u l-ebda applikazzjoni għal privattiva ma tkun qed tiġi pproċessata fir-rigward ta' dik il-pjanta;

Or. en

Emenda 388
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata ***jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li*** ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku ***li joriġina minn*** barra ***l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT***;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata***, fil-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:***
	(a) ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku ***ppreparat*** barra ***miċ-ċellola,***
	(b) ma hijiex imnissla biex tkun intenzjonalment tolleranti għall-erbiċidi,
	(c) ma jkun hemm l-ebda privattiva marbuta mal-pjanta, il-karatteristiċi

tagħha, il-proprjetajiet jew it-teknika użata biex tinħoloq;

Or. en

Emenda 389
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela ***jew ippreparat barra ċ-ċelloli*** li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT***, u ma jkun hemm l-ebda tip ta' proprjetà intellettwali assoċjata mal-pjanta, mal-proprjetajiet tagħha jew mat-teknika użata biex tinħoloq***;

Or. pt

Emenda 390
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata ***jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha,*** bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku ***li joriġina minn*** barra ***l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT***;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku ***ppreparat*** barra ***miċ-ċelloli u li ma jkunx hemm privattivi jew drittijiet esklużivi li jkopru l-proċess użat għall-iżvilupp tal-pjanta, u ma jkun hemm l-ebda privattivi***

jew drittijiet esklużivi li jkopru l-pjanta jew partijiet minnha, u ma tkun tressqet l-ebda applikazzjoni għall-għoti ta' tali privattivi jew drittijiet esklużivi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Cisgenesis involves the insertion of large DNA sequences and, as with transgensis, it should be covered by the existing GMO legislation. In addition, The Commission proposal aims to facilitate the commercialisation of NGT plants in Europe. In the absence of specific safeguards, this could lead to an increased number of patented seeds in the EU.

As a result, breeders and farmers could find themselves at a heightened risk of legal action from NGT developers if they inadvertently use their patented genetic sequences.

Specifically with regards to CRISPRC/Cas products, researchers have warned of a "patent thicket" that could be extremely hard to navigate for the majority of plant breeders and farmers.

In September 2019, the European Parliament called for "free access to plant material (including plant traits)" saying this was "absolutely essential for the innovative capacity of the European plant-breeding and farming sectors, their competitiveness and the development of new plant varieties in order to guarantee global food security, tackle climate change and prevent monopolies within the breeding sector" and warning that "any restriction or attempt to hamper access to genetic resources may lead to an excessive market concentration in the field of plant breeding, to the detriment of market competition, consumers and the European internal market and food security"(https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2019-0020_EN.html)

This amendment, in line with the Parliament's position, aims to ensure that the NGT Regulation will not hamper free access to plant material for farmers and plant breeders.

Emenda 391
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata ***jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-***	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata***, bl-esklużjoni tal-mutaġenesi bbażata fuq CRISPR-Cas9***;

nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

Or. en

Emenda 392
Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Asger Christensen, Nils Torvalds, Emma Wiesner, Ulrike Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ***ġenetikament modifikata*** miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

Or. en

Emenda 393
Pietro Fiocchi, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ***ġenetikament modifikata*** miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ***kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),*** miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE (ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4).

Emenda 394
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;	(2) "pjanta tal-NGT" tfisser pjanta ġenetikament modifikata miksuba permezz ta' mutaġenesi mmirata jew ċisġenesi, jew kombinament tagħha, bil-kundizzjoni li ma jkun fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela li seta' ddaħħal temporanjament ***(b'mod temporanju jew stabbli fi pjanta intermedja)*** matul l-iżvilupp tal-pjanta tal-NGT;

Or. en

Emenda 395
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT ***tal-kategorija 2*** u ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.	(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT u ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III ***u hija ttikkettata fuq quddiem bħala "ikel tal-NGT" jew "għalf tal-NGT"***.

Or. en

Emenda 474

Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Ulrike Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.	(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2***,*** u ***ngħatat il-kunsens jew*** ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika ulterjuri għat-test propost mill-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 475
Pietro Fiocchi, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.	(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT tal-kategorija 2 u ***ngħatat il-kunsens jew*** ġiet awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.

Or. en

Emenda 476
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT ***tal-kategorija 2 u ġiet*** awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.	(2) il-pjanta hija pjanta tal-NGT awtorizzata f'konformità mal-Kapitolu III.

Or. pt

Emenda 477
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) ġiet stabbilita fil-livell Ewropew jew nazzjonali biex jiġi żgurat li l-finanzjament tar-riskji u l-ħsara futura possibbli għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent jew il-kontaminazzjoni inkroċjata ta' ikel organiku u ikel mhux OĠM jiġu ffinanzjati f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Or. en

Emenda 478
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) ġiet stabbilita permezz ta' att ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-finanzjament tar-riskji u l-ħsara futura possibbli għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent jew il-kontaminazzjoni inkroċjata tal-ikel organiku jiġu ffinanzjati f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Or. en

Emenda 479

Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt soċjali biex tiżgura l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel għall-konsumaturi, filwaqt li jitqiesu l-effetti fuq terminu qasir, medju u twil tal-privattivi u tal-monopolji fuq il-prezzijiet għall-konsumaturi finali u l-libertà tal-għażla li jiġu kkunsmati jew le prodotti tal-NGT u d-differenza fil-prezz bejn prodotti mhux tal-NGT u ikel organiku fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-prezzijiet u l-implikazzjonijiet soċjali.

Or. en

Emenda 480
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II ***Pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u prodotti tal-NGT tal-kategorija 1***	II ***Il-Parlament Ewropew iħassar dan il-kapitolu***

Or. en

Emenda 481
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II ***Pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u prodotti tal-NGT tal-kategorija 1***	II ***Il-Parlament Ewropew iħassar dan il-kapitolu***

Or. en

Emenda 482
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1	
1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhomx japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.	
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.	
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	

Or. pt

Emenda 483
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 5	***imħassar***
Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1	
1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhomx japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.	
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.	
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	

Or. en

Emenda 484
Marie Toussaint

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1	
1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhomx japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.	
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz	

ta' tali pjanti.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment forms part of a set of amendments deleting NGT category 1. By exempting category 1 NGTs, which will be make up the vast majority of NGTs, from GMO risk assessment, monitoring, traceability and consumer labelling, the Commission proposal fails to respect consumer rights as well as the precautionary principle, as laid down in the TFEU. Furthermore, there is no scientific basis underlying the criteria in Annex I which 'determines' if a NGT fulfils the criteria of 'equivalence' to conventional plants. The criteria have no bearing on safety, therefore there is no guarantee that GM plants meeting the criteria have a lower level of risk to human health and the environment.

Emenda 485
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1	
1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhomx japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.	
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.	

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Or. en

Emenda 486
Silvia Sardone, Maria Veronica Rossi, Rosanna Conte, Danilo Oscar Lancini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1	Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 ***u tal-prodotti tal-NGT tal-kategorija 1***

Or. en

Emenda 487
Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Asger Christensen, Nils Torvalds, Emma Wiesner, Ulrike Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Status tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1	Status tal-pjanti ***u tal-prodotti*** tal-NGT tal-kategorija 1

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika f'konformità mat-titolu tal-Artikolu.

Emenda 488
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***ma għandhomx*** japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1.	1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***għandhom*** japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1. *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Emenda 489
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***ma għandhomx*** japplikaw għall-pjanti tal-NGT ***tal-kategorija 1***.	1. Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ***għandhom*** japplikaw għall-pjanti tal-NGT ***kollha***.

Or. en

Emenda 490
Erik Poulsen, Asger Christensen, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Ir-regoli li japplikaw għall-OĠM fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma għandhomx japplikaw għall-pjanti*** tal-	1. ***Il-pjanti*** tal-NGT tal-kategorija 1 ***għandhom jiġu inklużi fit-tekniki msemmija fl-Anness 1B tad-Direttiva***

NGT tal-kategorija 1. ***2001/18***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bl-inklużjoni ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 fost it-tekniki fl-Anness 1B tad-Direttiva 2001/18, se jkun possibbli li dawn il-pjanti jintużaw fl-agrikoltura organika sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mir-regolament dwar il-biedja organika. L-agrikoltura organika għandu jkollha wkoll aċċess għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 peress li dan is-settur huwa wkoll ikkontestat mit-tibdil fil-klima u jeħtieġ aċċess għal pjanti ġodda u aħjar. Għalhekk, jekk isir xi regolament, dan għandu jsir permezz tar-regolament dwar il-biedja organika.

Emenda 491
Ondřej Knotek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-varjetajiet tal-pjanti li jistgħu jinħolqu u jseħħu b'mod naturali jew li jistgħu jiġu prodotti permezz ta' tnissil konvenzjonali jew li jitqiesu bħala pjanti konvenzjonali (tali pjanti tal-NGT) ma għandhomx ikunu soġġetti għal-Leġiżlazzjoni dwar il-privattivi iżda għal-leġiżlazzjoni dwar id-Drittijiet fuq il-Varjetà tal-Pjanti, li tippermetti l-użu tal-hekk imsejħa Eżenzjoni tan-nissiela tal-pjanti u l-Eżenzjoni taż-Żrieragħ għall-Ħażna mill-Irziezet.

Or. en

Emenda 492
Norbert Lins

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-pjanti NGT tal-kategorija 1

	huma soġġetti għall-istess qafas legali, b'mod partikolari l-privileġġ ta' min ikabbar u d-dritt għall-awtopropagazzjoni, bħall-pjanti mrobbija b'mod konvenzjonali.

Or. de

Emenda 493
Ondřej Knotek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-pjanti tal-NGT tal-Kategorija 1 ma għandhomx ikunu jistgħu jingħataw privattiva.

Or. en

Emenda 494
Pietro Fiocchi, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-Regolament ma huwiex post li jirregola l-projbizzjonijiet fil-biedja organika.

Emenda 495
Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Asger Christensen, Nils Torvalds, Emma Wiesner, Ondřej Knotek

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 huma ekwivalenti għal pjanti mrobbija b'mod konvenzjonali, għandhom ikunu aċċessibbli għall-produzzjoni organika. Jekk għandhomx jintużaw dawn il-pjanti jew il-materjal riproduttiv tagħhom ikun f'idejn in-nissiela u l-bdiewa rispettivi. Flimkien ma' dan ir-raġunament ġenerali, kwalunkwe limitazzjoni relatata mal-użu tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 għall-produzzjoni organika għandha tiġi deċiża fil-qafas tar-Regolament (UE) 2018/848 dwar il-biedja organika għall-fini ta' konsistenza legali.

Emenda 496
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/848, ir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 5(f)(iii) u 11 tiegħu għandhom japplikaw għall-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 u għall-prodotti prodotti minn jew permezz ta' tali pjanti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 497

Francesca Peppucci

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-pjanti tal-NGT tal-Kategorija 1 u l-prodotti minn tali pjanti ma humiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament jew ir-Regolament 1829/2003.

Or. en

Emenda 498
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 499
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa	***imħassar***

li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The purpose of Annex I is to create a new legal definition to categorize certain NGTs into falling into the regulatory scope of category 1 or category 2 NGTs, which is based on a policy choice, rather than science-based criteria, as the number of modifications cannot be equated with the resulting risk profile of a crop. This policy choice, i.e., the content of Annex I is of central importance to this legislative proposal, as it can have significant practical implications on how many NGTs would fall under each category. As such, this central feature must not be listed in the Annex and in consequence be amendable by the Commission through a simple delegated act. Instead, this important aspect must follow an ordinary legislative procedure to ensure thorough and democratic decision-making.

Emenda 500
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 501
María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan tal-Anness I huwa li joħloq definizzjoni legali ġdida biex jikkategorizza l-NGTs li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-NGTs tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 2, li hija bbażata fuq għażla ta' politika, peress li l-għadd ta' modifikazzjonijiet ma jistax jitqabbel mal-profil tar-riskju li jirriżulta ta' għalla. Dan l-aspett importanti għandu jsegwi proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Emenda 502
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 503
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti*** fl-Anness I sabiex ***tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali***.	3. ***Meta studji xjentifiċi juru l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-kriterji*** fl-Anness I sabiex ***jiġu żgurati l-ogħla livelli possibbli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u għall-ambjent, il-Kummissjoni għandha tressaq proċedura leġiżlattiva***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Att leġiżlattiv jista' jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. Madankollu, il-kriterju ta' ekwivalenza jidher li huwa l-aktar element essenzjali ta' din il-proposta leġiżlattiva, peress li kemm id-definizzjonijiet ta' NGT tal-kategorija 1 kif ukoll ta' NGT tal-kategorija 2 huma bbażati fuq dan il-kriterju.

Emenda 504
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta'	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku***, filwaqt li jitqies il-prinċipju***

modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	***ta' prekawzjoni,*** fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Or. cs

Emenda 505
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza*** tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali ***stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi u l-firxa ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.***	3. ***Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament],*** il-Kummissjoni***, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Awtorità, għandha*** tadotta ***att delegat li jiddefinixxi l-metodoloġija li għandha tintuża għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza*** tal-pjanti NGT għall-pjanti konvenzjonali.

Or. en

Emenda 506
Silvia Sardone, Maria Veronica Rossi, Rosanna Conte, Danilo Oscar Lancini

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi ***u l-firxa*** ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi***, il-firxa, id-dimensjoni u l-għadd*** ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil

konvenzjonali.	naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Or. it

Emenda 507
Francesca Peppucci

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi ***u l-firxa*** ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.	3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 li jemendaw il-kriterji ta' ekwivalenza tal-pjanti tal-NGT għall-pjanti konvenzjonali stabbiliti fl-Anness I sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u teknoloġiku fir-rigward tat-tipi***, il-firxa, id-daqs u l-għadd*** ta' modifikazzjonijiet li jistgħu jseħħu tnissil naturali jew permezz ta' tnissil konvenzjonali.

Or. en

Emenda 508
Norbert Lins

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. B'deroga, il-pjanti tal-kategorija 1 u ż-żrieragħ derivati tagħhom ma jistgħux jiġu protetti bi privattiva.

Or. en

Emenda 509
João Pimenta Lopes

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. pt

Emenda 510
Marie Toussaint

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment forms part of a set of amendments deleting NGT category 1. By exempting category 1 NGTs, which will be make up the vast majority of NGTs, from GMO risk assessment, monitoring, traceability and consumer labelling, the Commission proposal fails to respect consumer rights as well as the precautionary principle, as laid down in the TFEU. Furthermore, there is no scientific basis underlying the criteria in Annex I which 'determines' if a NGT fulfils the criteria of 'equivalence' to conventional plants. The criteria have no bearing on safety, therefore there is no guarantee that GM plants meeting the criteria have a lower level of risk to human health and the environment.

Emenda 511
Anja Hazekamp, Clare Daly, Manon Aubry, Marina Mesure, Mick Wallace

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 512
Lydie Massard

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 513
Günther Sidl

Proposta għal regolament
Artikolu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 514
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura ta' ***verifika*** tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 qabel ir-rilaxx intenzjonat għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq	Proċedura ta' ***awtorizzazzjoni*** tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 qabel ir-rilaxx intenzjonat għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq

Or. en

Emenda 515
Ondřej Knotek

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 ***qabel ir-rilaxx intenzjonat għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq***	Proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1

Or. en

Emenda 516
Pietro Fiocchi, Veronika Vrecionová, Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 ***qabel ir-rilaxx intenzjonat għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq***	Proċedura ta' verifika tal-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1

Or. en

Ġustifikazzjoni

(L-Artikoli 6 u 7 ġew magħquda flimkien)

Emenda 517
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex	1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba ***ta'***

tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati (“talba ***għall-verifika***”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f’konformità ***mal-paragrafi 2 u*** 3 u mal-att ta’ implimentazzjoni adottat f’konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).	***applikazzjoni*** biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I ***u l-kundizzjonijiet f’dan l-Artikolu*** humiex issodisfati (“talba ***għall-awtorizzazzjoni***”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f’konformità ***mal-paragrafu*** 3 u mal-att ta’ implimentazzjoni adottat f’konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).

Or. en

Emenda 518
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta’ pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta’ pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati (“talba għall-verifika”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f’konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ***ta’ implimentazzjoni*** adottat f’konformità mal-Artikolu ***27, il-punt (b)***.	1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta’ pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta’ pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati (“talba għall-verifika”) lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f’konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ***delegat*** adottat f’konformità mal-Artikolu ***26***.

Or. en

Emenda 519
Pascal Canfin, Max Orville

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati ("talba għall-verifika") lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).	1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I***, mill-inqas waħda mill-karatteristiċi msemmija fl-Anness III, il-parti 1 u l-kriterji ta' esklużjoni fl-Anness III, il-parti 2*** humiex issodisfati ("talba għall-verifika") lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).

Or. en

Emenda 520
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati ("talba għall-verifika") lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva	1. Sabiex tikseb id-dikjarazzjoni tal-istatus ta' pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 imsemmija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), qabel ma twettaq rilaxx intenzjonat ta' pjanta tal-NGT għal kwalunkwe fini ieħor għajr it-tqegħid fis-suq, il-persuna li jkollha l-ħsieb li twettaq ir-rilaxx intenzjonat għandha tippreżenta talba ***akkumpanjata minn data mill-valutazzjoni tar-riskju fuq barra*** biex tivverifika jekk il-kriterji stabbiliti fl-Anness I humiex issodisfati ("talba għall-

2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).	verifika") lill-awtorità kompetenti maħtura skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jsir ir-rilaxx f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 u mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (b).

Or. en

Emenda 521
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta persuna jkollha l-ħsieb li twettaq tali rilaxx intenzjonat simultanjament f'aktar minn Stat Membru wieħed, dik il-persuna għandha tippreżenta t-talba għall-verifika lill-awtorità kompetenti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandux ikun hemm il-possibbiltà li l-applikanti jimmiraw lejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-inqas stretti jew l-aktar mgħobbija żżejjed.

Emenda 522
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta persuna jkollha l-ħsieb li twettaq tali rilaxx intenzjonat simultanjament f'aktar minn Stat Membru wieħed, dik il-persuna għandha	***imħassar***

tippreżenta t-talba għall-verifika lill-awtorità kompetenti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri.

Or. en

Emenda 523
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta persuna jkollha l-ħsieb li twettaq tali rilaxx intenzjonat simultanjament f'aktar minn Stat Membru wieħed, dik il-persuna għandha tippreżenta t-talba għall-verifika lill-awtorità kompetenti ta' ***wieħed minn dawk l-Istati Membri***.	2. Meta persuna jkollha l-ħsieb li twettaq tali rilaxx intenzjonat simultanjament f'aktar minn Stat Membru wieħed, dik il-persuna għandha tippreżenta t-talba għall-verifika lill-awtorità kompetenti ta' ***kull Stat Membru***.

Or. en

Emenda 524
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-talba ***għall-verifika*** msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi sottomessa f'konformità mal-formati standard tad-data, fejn dawn ikunu jeżistu skont l-Artikolu 39f tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u għandha tinkludi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 32b tar-Regolament (KE) Nru 178/2002:	3. It-talba ***għall-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi sottomessa f'konformità mal-formati standard tad-data, fejn dawn ikunu jeżistu skont l-Artikolu 39f tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u għandha tinkludi, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tista' tkun meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 32b tar-Regolament (KE) Nru 178/2002:

Or. en

Emenda 525
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) id-denominazzjoni tal-varjetà;

Or. en

Emenda 526
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deskrizzjoni tal-karattersitiċi li ġew introdotti jew modifikati;	(c) deskrizzjoni tal-karattersitiċi li ġew introdotti jew modifikati***, inkluż l-iżvelar tas-sekwenza tal-modifikazzjoni ġenetika***;

Or. en

Emenda 527
Erik Poulsen, Asger Christensen, Jan Huitema, Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deskrizzjoni tal-karattersitiċi li ġew introdotti jew modifikati;	(c) deskrizzjoni ***tal-karatteristiċi*** li ġew introdotti jew modifikati ***inkluża informazzjoni dwar it-teknika/tekniki użata/użati biex jinkisbu l-karatteristiċi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjati mal-emendi preċedenti

Emenda 528
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) deskrizzjoni tal-karattersitiċi li ġew introdotti jew modifikati;	(c) deskrizzjoni tal-karattersitiċi li ġew introdotti***, imneħħija*** jew modifikati;

Or. cs

Emenda 529
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) dikjarazzjoni dwar proprjetajiet possibbli għat-trattament jew il-prevenzjoni ta' mard fil-bnedmin jew l-użu jew l-għoti possibbli lill-bnedmin bil-ħsieb li jiġu restawrati, ikkoreġuti jew modifikati funzjonijiet fiżjoloġiċi bl-eżerċitar ta' azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika, skont it-tifsira tal-Artikolu 1-2(a) u (b) tad-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem;

Or. en

Emenda 530
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) kwalunkwe privattiva mogħtija jew applikazzjoni pendenti għal privattiva li tkopri l-pjanta sħiħa tal-NGT tal-Kategorija 1 jew parti minnha;

Or. en

Emenda 531
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) kopja tal-istudji li jkunu twettqu u kwalunkwe materjal ieħor disponibbli biex jintwera li:	(d) kopja tal-istudji li jkunu twettqu u kwalunkwe materjal ieħor disponibbli ***meħtieġ*** biex jintwera li:

Or. en

Emenda 532
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ***ta' implimentazzjoni*** adottat f'konformità mal-Artikolu ***27, il-punt (a)***;	(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ***delegat*** adottat f'konformità mal-Artikolu ***26***;

Or. en

Emenda 533
Michal Wiezik, María Soraya Rodríguez Ramos, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra ***l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta***, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a);	(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn ***ċellola ta'*** barra, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a);

Or. en

Emenda 534
Stanislav Polčák

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela ***fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul l-iżvilupp tal-pjanta***, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a);	(i) il-pjanta hija pjanta tal-NGT, inkluż li ma fiha l-ebda materjal ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a);

Or. cs

Emenda 535
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-pjanta ***hija pjanta tal-NGT, inkluż li*** ma fiha l-ebda materjal ***ġenetiku li joriġina minn barra l-ġabra tal-ġeni tan-nissiela fejn tali materjal ġenetiku jkun iddaħħal temporanjament matul*** l-iżvilupp tal-pjanta***, f'konformità mar-rekwiżiti tal-informazzjoni speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a)***;	(i) ***is-sekwenza sħiħa tal-ġenomi, imwettqa permezz ta' sekwenzjar mhux preġudikat li jinqara fit-tul bit-tekniki l-aktar preċiżi u aġġornati biex jintwera li, fost affarijiet oħra,*** il-pjanta ma fiha l-ebda materjal ***transġeniku jew transġeni, bħal dawk li setgħu ddaħħlu bħala parti mill-iżvilupp*** tal-pjanta;

Or. en

Emenda 536
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) informazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (a);

Or. en

Emenda 537
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ib) valutazzjoni tar-riskju ambjentali, imwettqa f'konformità mad-Direttiva 2001/18;

Or. en

Emenda 538
Martin Häusling

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I;	(ii) il-pjanta tal-NGT tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I***, inkluż permezz tas-sottomissjoni ta' studji indipendenti li jivverifikaw is-sikurezza tal-modifikazzjonijiet deskritti fl-Anness I, il-paragrafu 1, il-punti 1 u 2***;

Or. en